MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 57/2013

**Victor u Helen konjuġi Xerri**

**vs**

**Dr. Edric u Anne konjuġi Bonello**

**Illum l-Erbgħa, 22 ta’ Jannar 2014**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu, wara li ppremettew :

Illi permezz ta’ skrittura privata datata t-tletin (30) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), l-atturi sellfu lill-konvenuti s-somma ta’ tlieta u tletin elf Ewro (€33,000), liema somma kellha tiġi restitwita sad-disgħa (9) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013);

Illi fuq id-debitu msemmi akkumulaw l-imgħaxijiet skond il-liġi fl-ammont ta' tlett eef, ħames mija u disgħa u sebgħin Ewro (€3,579), mil-liema ammont tħallset is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000), u għaldaqstant il-bilanċ rimanenti huwa dak ta' elf, ħames mija u disgħa u sebgħin Ewro (1,579);

Illi minkejja diversi talbiet il-konvenuti naqsu milli jħallsu d-debitu minnhom dovut;

Illi fit-tletin (30) ta' April tas-sena kurrenti (2013) ġie maħruġ mill-konvenuti cheque fl-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000), liema cheque madankollu ma ġiex onorat mill-bank li fuq kien maħruġ;

Illi fil-fehma ta' l-atturi d-debitu mertu ta' din il-kawża huwa ċert, likwidu u dovut, u l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonjiet x'iqanqlu, u għalhekk din il-Qorti tista' tipproċedi għas-sentenza ai termini ta' l-artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dispensa tas-smiegħ;

Illi din id-dikjarazzjoni qegħda ssir u qegħda tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-attur Victor Xerri li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq esposti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara l-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-atturi fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, ħames mija u disgħa u sebgħin Ewro (€34,579), konsistenti fis-somma mislufa ta' tlieta u tletin elf Ewro (€33,000) u l-imgħaxijiet li akkumulaw fuqha skond il-liġi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi l-ammont fuq indikat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali spedita fi Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013); u tal-mandat ta’ sekwestru ppreżentat kontestwalment ma din il-kawża.

Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat u ċioe’ bħala Dokument ‘A’ – affidavit ikkonfermat bil-ġurament ta’ Victor Xerri; Dokument ‘B’ – kopja ta’ l-iskrittura relattiva għas-self imsemmi fir-rikors; u bħala Dokument ‘Ċ’ – kopja ta’ cheque li ma ġiex onorat.
Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuti li saret permezz tal-pubblikazzjoni u dana permezz ta’ avviż f’waħda mill-gazzetti lokali tal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Diċembru elfejn u tlettax (2013).

Semgħet lill-attur Victor Xerri fl-udjenza tal-lum stess jikkonferma bil-ġurament tiegħu li minn dakinhar tal-preżentata ta’ dan ir-rikors ġuramentat sal-lum ma saru ebda pagamenti, la ta’ imgħaxijiet u lanqas ta’ bilanċ mill-kapital dovut.

Il-Qorti għalhekk peress illi jidhrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ l-istess talbiet attriċi, tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront tal-atturi fis-somma ta’ erbgħa u tletin elf, ħames mija u disgħa u sebgħin Ewro (€34,579), konsistenti fis-somma mislufa ta’ tlieta u tletin elf Ewro (€33,000) u l-imgħaxijiet li akkumulaw fuqha skond il-liġi, u tikkundana l-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi l-ammont hawn fuq indikat bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali mibgħuta fi Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013), tal-mandat ta’ sekwestru ppreżentat kontestwalment ma din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------